32005R2184

30.12.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 347/61

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2184/2005

tat-23 ta' Diċembru 2005

li jemenda Regolamenti (KE) Nru 796/2004 u (KE) Nru 1973/2004 li jwaqqaf regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1), 24(1), 145(c), (l), (m), (n), (p), (r), tiegħu,

Billi:

(1) Wara li ddaħħlu l-iskemi ta' appoġġ għall-qoton, iż-żejt taż-żebbuġa u t-tabakk fl-iskema ta' pagament uniku, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [2] jeħtieġ li jiġi emendat f'ħafna aspetti, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċedura ta' applikazzjoni u l-miżuri ta' kontroll li għandhom isiru fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' għajnuna. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu kkjarifikati fir-rigward ta' ċerti aspetti.

(2) Jeħtieġ li jkun ikkjarifikat il-kunċett tat-terminu "pakkett agrikolu" għall-iskop ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 bħala dak li jirreferi għal żona kontinwa ta' art li fuqha grupp wieħed ta' uċuħ tar-raba' huwa kkultivat minn bidwi wieħed. It-tali definizzjoni moqrija b'mod konġunt ma' l-Artikolu 49(3) ta' dak ir-Regolament għandha tagħmilha ċara, iżda, li l-uċuħ tar-raba' ta' gruppi differenti ta' uċuħ tar-raba' jistgħu jkunu kkultivati fl-istess żona kontinwa ta' art fejn l-iskemi differenti ta' għajnuna jippermettu dan. F'dawn it-tali każijiet l-istess żona għandha tkun meqjusa bħal ħafna pakketti agrikoli.

(3) Minħabba l-partikolaritajiet ta' pakketti taż-żebbuġ, jeħtieġ li tkun provduta definizzjoni f'dak ir-rigward.

(4) Bi qbil ma' l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004, in-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi varji ta' konformità reċiproka, li jaqgħu kollha fl-istess żona ta' konformità reċiproka fit-tifsira tal-punt 31 ta' l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, għandhom ikunu kkunsidrati bħala nuqqas ta' konformità waħda meta jiġu ffissati s-sanzjonijiet rispettivi. Għandu jkun ikkjarifikat li n-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi għall-bdiewa individwali fil-kuntest tal-manutenzjoni ta' l-art taħt mergħa permanenti msemmija fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament jaqgħu taħt l-istess żona ta' konformità reċiproka bħala l-osservanza tal-"kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba". Id-definizzjonijiet rispettivi għandhom għalhekk ikunu adattati.

(5) Kwalunkwe informazzjoni speċifika dwar il-produzzjoni tal-qoton, iż-żejt taż-żebbuġa u t-tabakk għandha tkun mitluba bħala parti mill-applikazzjoni waħdanija.

(6) Il-bdiewa jingħataw formoli ta' applikazzjoni stampati minn qabel u materjal grafiku. Filwaqt li l-bdiewa għandhom jindikaw id-daqs tajjeb taż-żona jekk il-materjal stampat minn qabel huwa żbaljat, dan jista' jkun diffiċli ħafna fir-rigward tad-daqs taż-żona li tirriżulta minn bidliet fil-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ. F'dak ir-rigward l-obbligu tal-bidwi li jindika bidliet li jirrigwardaw il-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ għandhom ikunu biżżejjed biex jagħtu lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni neċessarja biex terġa' tikkalkola d-daqs eżatt li jirriżulta taż-żona.

(7) Bi qbil ma' l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni waħdanija matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku. Dik id-deroga għandha tapplika wkoll kull meta jiddaħħlu elementi ġodda fl-iskema ta' applikazzjoni waħdanija.

(8) Il-verifiki reċiproki li għandhom isiru fuq l-applikazzjoni waħdanija għandhom ikunu estiżi għal ċerti verifiki partikolari fir-rigward ta' kundizzjonijiet varji li jridu jiġu rispettati mill-bidwi meta japplika għall-pagament ta' uċuħ tar-raba' speċifiċi għall-qoton.

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

[2] ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1954/2005 (ĠU L 314, 30.11.2005, p. 10).

(9) Isir żball frekwenti waqt il-verifiki reċiproki b'dikjarazzjoni żgħira żejda tal-medda agrikola totali f'pakkett ta' referenza. Għal raġunijiet ta' semplifikazzjoni, fejn pakkett ta' referenza huwa suġġett għal applikazzjoni ta' għajnuna ta' żewġ bdiewa jew aktar li qegħdin japplikaw għall-għajnuna taħt l-istess skema ta' għajnuna u fejn iż-żona totali ddikjarata taqbeż il-medda agrikola b'differenza li taqa' taħt it-tolleranza definita skond l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati biex jipprovdu għal tnaqqis proporzjonali taż-żoni konċernati. Iżda, f'ċerti sitwazzjonijiet, il-bdiewa konċernati għandhom ikunu intitolati jappellaw kontra deċiżjonijiet bħal dawn.

(10) Sabiex ikunu ggarantiti kontrolli effettivi fuq l-iskema ta' għajnuna tat-tabakk li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandu jkun provdut kampjun ta' kontroll partikolari għal kontrolli fuq il-post.

(11) L-esperjenza turi li jistgħu jsiru ċerti adattamenti għall-kampjun minimu li jrid jintgħażel għal kontrolli fuq il-post ta' bdiewa li qegħdin japplikaw għall-għajnuna għal-lewż li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

(12) Fir-rigward tal-pagamenti ta' għajnuna fuq it-tabakk taħt il-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, jeħtieġ li jkun provdut kampjun ta' kontroll partikolari għall-għażla ta' l-ewwel proċessuri biex jiġu ċċekkjati fil-post matul l-ewwel ipproċessar u l-preparazzjoni għas-suq.

(13) Minħabba li mhux biss il-bdiewa huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' kampjunar tar-Regolament (KE) Nru 796/2004, l-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament għandu jkun adattat skond il-każ.

(14) L-elementi li jridu jiġu kkunsidrati għall-analiżi tar-riskju meta jiġu magħżula l-kampjuni ta' kontroll għall-kontrolli fuq il-post għandhom ikunu estiżi għall-iskopijiet ta' l-iskemi l-ġodda ta' għajnuna li jridu jiġu kkontrollati taħt ir-Regolament (KE) Nru 796/2004.

(15) Ir-rapport ta' kontroll li għandu jitħejja wara kull kontroll fuq il-post għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti li tir-rigwarda s-siġar taż-żebbuġ.

(16) Minħabba l-partikolaritajiet ta' l-iskemi ta' għajnuna għall-qoton, iż-żejt taż-żebbuġ u t-tabakk bi qbil mal-Kapitoli 10a, 10b and 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali ta' kontroll.

(17) Wara l-introduzzjoni ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati fil-kuntest tal-produzzjoni tal-qoton, għandhom jitwaqqfu kundizzjonijiet speċifiċi għall-kontrolli fuq il-post.

(18) Bi qbil ma' l-Artikolu 110k(a) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-għoti ta' l-għajnuna għat-tabakk huwa suġġett għall-kundizzjoni li t-tabakk nej jiġi minn żona ta' produzzjoni speċifika u huwa kkunsinnat fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kultivazzjoni. Għajnuna għall-produzzjoni tat-tabakk tista' titħallas biss wara kontroll fuq il-kunsinni biex jiġi ggarantit li l-operazzjonijiet konċernati kienu attwalment saru. F'ħafna Stati Membri l-kontrolli jsiru fil-post fejn it-tabakk ikun ikkunsinnat aktar milli fejn jiġi pproċessat. Sabiex ma jkunx hemm irregolaritajiet, għandhom ikunu speċifikati l-kontrolli li jridu jsiru f'dawk il-postijiet u l-kundizzjonijiet għat-trasferiment tat-tabakk nej.

(19) Għall-iskop li jkunu ggarantiti kontrolli effettivi matul l-ewwel ipproċessar u l-preparazzjoni għas-suq, it-tabakk nej għandu jitqiegħed taħt superviżjoni meta l-bidwi jikkunsinnah lill-intrapriża ta' l-ewwel ipproċessar. Għal dik ir-raġuni, it-tabakk kemm mill-Komunità kif ukoll minn pajjiżi terzi għandu jibqa' taħt superviżjoni sakemm ikunu saru l-ewwel ipproċessar u l-preparazzjoni għas-suq.

(20) Fir-rigward kemm tal-bażi tal-kalkolu fir-rigward ta' żoni ddikjarati u t-tnaqqis u l-esklużjonijiet, huma meħtieġa dispożizzjonijiet speċjali biex jiġu kkunsidrati l-partikolaritajiet ta' applikazzjonijiet għal għajnuna taħt l-iskemi ta' appoġġ għat-tabakk u l-qoton.

(21) Huma meħtieġa dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' pagamenti addizzjonali li jridu jingħataw fil-każ ta' l-implimentazzjoni fakultattiva għal tipi speċifiċi ta' biedja u produzzjoni ta' kwalità.

(22) Skemi ta' appoġġ li mhumiex stabbiliti taħt it-Titoli III jew IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 imma li huma elenkati fl-Anness I għal dak ir-Regolament jifformaw parti wkoll mill-iskemi ta' pagament dirett. Konformità reċiproka hija għalhekk rilevanti wkoll, u applikazzjonijiet għal għajnuna taħt it-tali skemi ta' appoġġ għandhom ukoll ikunu suġġetti għall-kampjunar.

(23) Minħabba l-partikolaritajiet ta' l-iskemi ta' għajnuna għall-qoton u t-tabakk li hemm provvediment għalihom fil-Kapitoli 10a u 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandhom jiġu stabbiliti pieni speċjali.

(24) L-esperjenza miksuba turi li hija meħtieġa kjarifikazzjoni u speċifikazzjonijiet ta' l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

(25) L-Artikolu 171ae tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1973/2004 tad-29 ta' Ottubru 2004 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 dwar l-iskemi ta' appoġġ ipprovduti taħt it-Titoli IV u IVa ta' dak ir-Regolament u l-użu ta' artijiet imserrħa għall-produzzjoni ta' materja prima [1] jistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali ta' bdiewa li jipproduċu l-qoton imsemmi fl-Artikolu 110d tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għandhom isiru dispożizzjonijiet f'każ li organizzazzjoni interprofessjonali approvata ma tissodisfax aktar il-kriterji rilevanti.

(26) Ir-Regolamenti (KE) Nru 796/2004 u (KE) Nru 1973/2004 għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(27) Il-miżuri li hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 796/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt (1):

"(1a) 'Pakkett agrikolu': għandha tfisser żona kontinwa ta' art li fuqha grupp wieħed ta' uċuħ tar-raba' huwa kkultivat minn bidwi wieħed;

(1b) 'Pakkett taż-żebbuġ': għandha tfisser pakkett agrikolu b'siġar taż-żebbuġ, kif definita fil-punt 1(a) ta' l-Anness XXIV għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1973/2004 (*);

(*) ĠU L 345, 20.11.2004, p. 1."

(b) il-punt (31) huma mibdul b'dan li ġej:

"(31) 'Żoni ta' konformità reċiproka': għandha tfisser l-oqsma differenti ta' ħtiġijiet statutorji ta' amministrazzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba bi qbil ma' l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament;: għandha tfisser l-oqsma differenti ta' ħtiġijiet statutorji ta' amministrazzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba bi qbil ma' l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament;"

(c) il-punt (33) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(33) 'Standards': għandha tfisser l-istandards kif definiti mill-Istati Membri bi qbil ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-Anness IV tiegħu kif ukoll l-obbligi f'rabta mal-mergħa permanenti kif stipulata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;"

(d) il-punt (35) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(35) 'Nuqqas ta' konformità': għandha tfisser kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet u l-istandards meħtieġa;"

(2) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (e) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(e) fejn xieraq, iż-żona taż-żebbuġ imfissra f'GIS-ha taż-żebbuġ, bi qbil mal-punti 2 u 3 ta' l-Anness XXIV għar-Regolament (KE) Nru 1973/2004;

(f) dikjarazzjoni mill-bidwi li dan huwa konxju mill-kundizzjonijiet relatati ma' l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni."

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni sottoparagrafu jitħassar.

(c) il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Għall-fini ta' l-identifikazzjoni tal-pakketti agrikoli kollha ta' l-azjenda msemmija fil-paragrafu 1(d), il-formoli stampati minn qabel imqassma lill-bidwi skond l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom isemmu ż-żona massima eliġibbli għal kull pakkett ta' referenza għall-finijiet ta' l-iskema ta' pagament pagament uniku. B'żieda, il-materjal grafiku pprovdut lill-bidwi skond l-istess dispożizzjoni għandu jindika l-konfini tal-pakketti ta' referenza u l-identifikazzjoni unika tagħhom u l-bidwi għandu jindika l-lok ta' kull pakkett agrikolu.

Fir-rigward tal-pakketti taż-żebbuġ, il-materjal grafiku provdut lill-bidwi għandu jinkludi għal kull pakkett taż-żebbuġ in-numru ta' siġar taż-żebbuġ eliġibbli u l-pożizzjoni tagħhom fil-pakkett kif ukoll iż-żona taż-żebbuġ imfissra f'GIS-ha taż-żebbuġ bi qbil mal-punt 3 ta' l-Anness XXIV għar-Regolament (KE) Nru 1973/2004.

Fil-każ ta' applikazzjoni għal għajnuna għal imsaġar tas-siġar taż-żebbuġ li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10b tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-materjal grafiku provdut lill-bidwi għandu jinkludi għal kull pakkett taż-żebbuġ:

(a) in-numru ta' siġar taż-żebbuġ mhux eliġibbli u l-pożizzjoni tagħhom fil-pakkett;

[1] ĠU L 345, 20.11.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2182/2005 (Ara p/xxx ta' dan il-Ġurnl Uffiċjali).

(b) iż-żona taż-żebbuġ imfissra f'GIS-ha taż-żebbuġ, bi qbil mal-punt 2 ta' l-Anness XXIV għar-Regolament (KE) Nru 1973/2004;

(c) il-kategorija li taħtha l-għajnuna qiegħda tintalab, bħalma huwa stabbilit bi qbil ma' l-Artikolu 110i(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(d) fejn xieraq, indikazzjoni li l-pakkett kopert minn programm approvat mill-Kummissjoni bħalma huwa msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98 (*), u n-numru ta' siġar taż-żebbuġ konċernati u l-pożizzjoni tagħhom fil-pakkett.

4. Meta tiġi sottomessa l-formola ta' l-applikazzjoni, il-bidwi għandu jikkorreġi l-formola stampata minn qabel imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 jekk saru xi emendi, partikolarment trasferimenti ta' drittijiet tal-pagament bi qbil ma' l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, jew jekk xi informazzjoni inkluża fil-formoli stampati minn qabel hija żbaljata.

Jekk il-korrezzjoni għandha x'taqsam mad-daqs taż-żona, il-bidwi għandu jindika d-daqs attwali taż-żona konċernata. Iżda, fejn il-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ indikata fil-materjal grafiku hija żbaljata, il-bidwi m'huwiex obbligat jindika id-daqs korrett li jirriżulta taż-żona mfissra f'GIS-ha taż-żebbuġ imma għandu jindika biss il-pożizzjoni attwali tas-siġar.

(*) ĠU L 210, 28.7.1998, p. 32."

(3) Fl-Artikolu 13, il-paragrafi li jmiss huma miżjuda:

"10. Fil-każ ta' applikazzjoni għall-pagament speċifiku għal qoton li hemm provvediment għalih fil-Kapitolu 10a tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-applikazzjoni waħdanija għandha tinkludi:

(a) l-isem tal-varjetà taż-żerriegħa tal-qoton użata;

(b) fejn xieraq, l-isem u l-indirizz ta' l-organizzazzjoni interprofessjonali approvata li l-bidwi huwa membru tagħha.

11. Fil-każ ta' applikazzjoni għal għajnuna għal imsaġar tas-siġar taż-żebbuġ li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10b tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-applikazzjoni waħdanija għandha, għal kull pakkett taż-żebbuġ, tinkludi n-numru u l-pożizzjoni fil-pakkett:

(a) tas-siġar taż-żebbuġ mgħażqa u mibdula;

(b) tas-siġar taż-żebbuġ mgħażqa u mhux mibdula;

(c) siġar taż-żebbuġ żejda mħawla.

12. Fil-każ ta' applikazzjoni għal għajnuna tat-tabakk li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-applikazzjoni waħdanija għandha tinkludi:

(a) kopja tal-kuntratt tal-koltivazzjoni msemmi fl-Artikolu 110k(c) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew referenza għan-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu;

(b) indikazzjoni tal-varjetà tat-tabakk imkabbar f'kull pakkett agrikolu;

(c) kopja taċ-ċertifikat ta' kontroll ta' appoġġ maħruġ mill-awtorità kompetenti li jindika l-kwantità ta' weraq imnixxef tat-tabakk li ġie kkunsinnat lill-ewwel proċessur, imfisser f'kilogrammi.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tista' tiġi sottomessa separatament aktar tard iżda li m'għandhiex tkun aktar tard mill-15 ta' Mejju tas-sena wara l-ħsad."

(4) Fl-Artikolu 14(2), is-sottoparagrafu li ġej huwa miżjud:

"Id-deroga li hemm provvediment għaliha fl-ewwel sottoparagrafu għandha tapplika wkoll fir-rigward ta' l-ewwel sena meta setturi ġodda jiddaħħlu fl-iskema ta' pagament uniku u d-drittijiet għall-pagament għad m'humiex definittivament stabbiliti għall-bdiewa kkonċernati minn din l-introduzzjoni."

(5) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punti li ġejjin huma miżjuda:

"(i) bejn il-pakketti agrikoli kif iddikjarat fl-applikazzjoni waħdanija u l-pakketti awtorizzati għall-produzzjoni tal-qoton mill-Istat Membru bi qbil ma' l-Artikolu 110b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(j) bejn id-dikjarazzjonijiet tal-bdiewa fl-applikazzjoni waħdanija biex ikun membru ta' organizzazzjoni interprofessjonali approvata, l-informazzjoni taħt l-Artikolu 13(10)(b) ta' dan ir-Regolament u l-informazzjoni trażmessa mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati konċernati, biex jiġi verifikaw l-eliġibbiltà għaż-żieda ta' l-għajnuna li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 110f(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003."

(b) fil-paragrafu 2, is-sottoparagrafu li ġej huwa miżjud:

"Fejn pakkett ta' referenza huwa suġġett għal applikazzjoni ta' għajnuna ta' żewġ bdiewa jew aktar taħt l-istess skema ta' għajnuna u fejn iż-żona sħiħa ddikjarata taqbeż il-medda agrikola b'differenza li taqa' fit-tolleranza tal-kejl iddefinita bi qbil ma' l-Artikolu 30(1), l-Istati Membri jistgħu jagħmlu provvediment għal tnaqqis proporzjonali taż-żoni kkonċernati. F'dak il-każ, il-bdiewa kkonċernati jistgħu jappellaw kontra d-deċiżjoni ta' tnaqqis fuq il-bażi li kwalunkwe mill-bdiewa l-oħra kkonċernati ddikjaraw iżżejjed iż-żoni tagħhom aktar minn dik it-tolleranza għad-detriment tiegħu."

(6) Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(c) 5 % tal-bdiewa kollha li qegħdin japplikaw għal għajnuna fuq it-tabakk li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(d) 10 % tal-bdiewa kollha li qegħdin japplikaw għal għajnuna fuq il-lewż li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, fil-każ fejn Stat Membru jagħmel użu mill-possibbiltà biex ma jintroduċix, bi qbil ma' l-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament, saff addizzjonali ta' informazzjoni GIS;

fir-rigward ta' l-Istati Membri l-oħrajn kollha, għassena 2006, ta' mill-anqas 10 % tal-bdiewa kollha li applikaw għall-għajnuna fuq il-lewż li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, fejn is-saff addizzjonali ta' informazzjoni GIS li hemm provvediment għalih fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament ma joffrix il-livell ta' assigurazzjoni u implimentazzjoni meħtieġa għall-amministrazzjoni tajba ta' l-iskema ta' għajnuna."

(b) l-aħħar sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Fejn il-kampjun tal-kontroll meħud taħt l-ewwel sottoparagrafu diġà jinkludi applikanti għall-għajnuniet imsemmija fil-punti (a) sa (d) tat-tieni sottoparagrafu, dawk l-applikanti jistgħu jiġu magħduda mar-rati ta' kontroll stipulati fih."

(c) fil-paragrafu 2, il-punti li ġejjin huma miżjuda:

"(f) fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal għajnuna għall-pagament speċifiku ta' uċuħ tar-raba' għall-qoton bi qbil mal-Kapitolu 10a tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, 20 % ta' l-organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati bi qbil ma' l-Artikolu 110d ta' dak ir-Regolament u li tiegħu l-bdiewa jiddikjaraw li jkunu membru fl-applikazzjonijiet waħdiena tagħhom;

(ġ) fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna fuq it-tabakk bi qbil mal-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, 5 % ta' l-ewwel proċessuri fir-rigward ta' kontrolli matul l-ewwel ipproċessar u l-preparazzjoni għas-suq."

(7) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Kampjuni ta' kontroll għall-kontrolli fuq il-post taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu magħżula mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u rappreżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet sottomessi għal għajnuna. L-effettività tal-parametri ta' l-analiżi tar-riskju użati fis-snin ta' qabel għandha tkun assessjata fuq bażi annwali."

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (k) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(k) fil-każ ta' applikazzjonijiet għal għajnuna fuq it-tabakk li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-kwantitajiet ta' tabakk nej, skond il-varjetà, koperti b'kuntratti ta' kultivazzjoni b'rabta ma' żoni ddikjarati bħala taħt it-tabakk;

(l) fil-każ ta' kontrolli fuq intrapriżi ta' l-ewwel ipproċessar fil-qafas ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna fuq it-tabakk li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, id-daqsijiet differenti ta' l-intrapriżi;

(m) fatturi oħrajn li jridu jiġu ddefiniti mill-Istati Membri."

(8) Fl-Artikolu 28(1), il-punt (c) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(c) il-pakketti agrikoli ċċekkjati, il-pakketti agrikoli mkejla li jinkludu, fejn applikabbli, in-numru ta' siġar taż-żebbuġ u l-pożizzjoni tagħhom fil-pakkett, ir-riżultat tal-qisien għal kull pakkett agrikolu mkejjel u l-metodi ta' kejl użati;"

(9) Fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Żoni ta' pakketti agrikoli għandhom ikunu determinati b'mod xieraq definit mill-awtorità kompetenti li tiżgura kejl ta' preċiżjoni mill-inqas ekwivalenti għal dak mitlub għal qisien uffiċjali taħt ir-regoli nazzjonali. Tolleranza fil-kejl tista' tiġi definita mill-awtorità kompetenti li m'għandhiex taqbeż:

(a) għall-pakketti ta' anqas minn 0,1 ha, żona mewwieta ta' 1,5 m applikata għall-perimetru tal-pakkett agrikolu;

(b) għal pakketti oħrajn, 5 % taż-żona tal-pakkett agrikolu jew żona mewwieta ta' 1,5 m applikata għall-perimetru tal-pakkett agrikolu. Iżda, t-tolleranza massima fir-rigward ta' kull pakkett agrikolu m'għandhiex, f'termini assoluti, taqbeż il-1,0 ha.

It-tolleranza li hemm provvediment għaliha fl-ewwel sotto-paragrafu m'għandhiex tapplika għall-pakketti taż-żebbuġ li ż-żona għalihom hija mfissra f'GIS-ha taż-żebbuġ bi qbil mal-punti 2 u 3 ta' l-Anness XXIV għar-Regolament (KE) Nru 1973/2004".

(10) L-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 31:

"Artikolu 31a

Kontrolli fuq il-post ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati

Kontrolli fuq il-post ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali approvati fil-qafas ta' applikazzjonijiet għal għajnuna taħt il-pagament speċifiku ta' l-uċuħ tar-raba għall-qoton li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10a tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jivverifikaw l-osservanza tal-kriterji għall-approvazzjoni ta' dawk l-organizzazzjonijiet, il-lista tal-membri tagħhom u l-iskala msemmija fl-Artikolu 110e ta' dak ir-Regolament."

(11) Is-sub-taqsima li jmiss tiddaħħal fit-Taqsima II tal-Kapitolu II tat-Titolu III:

"Sub-taqsima II b

Kontrolli fuq il-post relatati ma' l-applikazzjonijiet għal għajnuna fuq it-tabakk

Artikolu 33b

Kontrolli tal-kunsinni

1. Fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna fuq it-tabakk li hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 10c tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-kunsinni kollha għandhom ikunu ċċekkjati. Kull kunsinna għandha tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti li għandha tkun informata minn qabel sabiex din tista' tiddetermina id-data tal-kunsinna. Matul il-kontroll, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li hija awtorizzat il-kunsinna minn qabel.

2. Jekk il-kunsinna ssir lil ċentru ta' xiri approvat kif hemm provvediment għalih fl-Artikolu 171ck(2) tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004, tabakk mhux ipproċessat, ladarba iċċekkjat, jista' jħalli ċ-ċentru tax-xiri biss għall-għan li jkun trasferit lejn l-impjant ta' l-ipproċessar. Wara li jsiru l-kontrolli, it-tabakk għandu jkun miġbur fi kwantitajiet distinti.

It-trasferiment ta' dawk il-kwantitajiet lejn l-impjant ta' l-ipproċessar għandu jkun awtorizzat bil-miktub mill-awtorità kompetenti li għandha tkun informata minn qabel sabiex din tkun tista' tidentifika eżattament il-mezz tat-trasport użat, ir-rotta, il-ħin tat-tluq u tal-wasla u l-kwantitajiet tat-tabakk ittrasportati f'kull istanza separata.

3. Meta t-tabakk jasal fl-impjant ta' l-ipproċessar, il-korp kompetenti tal-kontroll għandu jivverifika li l-kwantitajiet separati ċċekkjati fiċ-ċentri tax-xiri huma dawk li verament ġew ikkunsinnati, partikolarment billi jiżinhom.

L-awtorità kompetenti tista' twaqqaf kundizzjonijiet speċjali li tara li huma neċessarji biex jiġu ċċekkjati l-operazzjonijiet.

Artikolu 33ċ

Tqegħid taħt superviżjoni u kontrolli matul l-ewwel ipproċessar u l-preparazzjoni għas-suq

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li t-tabakk nej jitqiegħed taħt superviżjoni fil-mument meta dan huwa kkunsinnat mill-bidwi lill-intrapriża ta' l-ewwel ipproċessar.

It-tqegħid taħt superviżjoni għandha tiżgura li t-tabakk nej ma jistax jinħareġ qabel ma jitlestew l-ewwel ipproċessar u l-operazzjonijiet tal-preparazzjoni għas-suq u li ebda tabakk nej ma jkun sottomess għal kontroll għal aktar minn darba.

2. Il-kontrolli matul l-ewwel ipproċessar u l-preparazzjoni għas-suq tat-tabakk għandhom jivverifikaw il-konformità ma' l-Artikolu 171cb tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004, partikolarment dwar il-kwantitajiet ta' tabakk nej f'kull intrapriża li qiegħda tiġi kkontrollata, filwaqt li jiddistingwu bejn tabakk nej prodott fil-Komunità u tabakk nej li joriġina fi jew ġej minn pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, dawk il-kontrolli għandhom jinkludu:

(a) kontrolli ta' l-istokk ta' l-intrapriża ta' l-ipproċessar;

(b) kontrolli meta t-tabakk jitlaq mill-post li fih kien taħt superviżjoni, wara li jkun għadda mill-ewwel ipproċessar u l-preparazzjoni għas-suq;

(c) il-miżuri kollha ta' kontroll addizzjonali li l-Istati Membri jikkunsidraw bħala neċessarji, partikolarment biex ikun żgurat li l-ebda primjum ma jitħallas għal tabakk nej li joriġina minn jew ġej minn pajjiżi terzi.

3. Il-kontrolli skond dan l-Artikolu għandhom isiru fil-post fejn it-tabakk nej huwa pproċessat. F'limitu taż-żmien li jiġi determinat mill-Istat Membru, l-intrapriżi involuti għandhom jinnotifikaw lill-korpi kompetenti tagħhom, bil-miktub, fuq il-postijiet fejn ser isir l-ipproċessar. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw l-informazzjoni li trid tiġi provduta mill-intrapriżi ta' l-ewwel ipproċessar lill-korpi kompetenti.

4. Il-kontrolli skond dan l-Artikolu m'għandhomx ikunu mħabbra fil-każijiet kollha."

(12) L-Artikolu 38 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 38*

Dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' pagamenti addizzjonali

Fir-rigward tal-pagament addizzjonali li jrid jiġi garantit għat-tipi speċifiċi tal-biedja jew għall-produzzjoni ta' kwalità kif hemm provvediment għalih fl-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-pagament addizzjonali li hemm provvediment għalih fl-Artikoli 119 u 133 ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu. Jekk dan mhux xieraq minħabba l-istruttura ta' l-iskema kkonċernata, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kontrolli li jiżguraw livell ta' kontroll ekwivalenti ma' dak stipulat f'dan it-Titolu."

(13) Fl-Artikolu 44(1), l-ewwel sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti għall-kontroll għandha, fir-rigward tar-rekwiżiti jew l-istandards li għalihom din hija responsabbli, tagħmel kontrolli fuq mill-anqas 1 % tal-bdiewa kollha li qegħdin jissottomettu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt skemi ta' appoġġ għall-pagamenti diretti fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u li għalihom l-awtorità kompetenti għall-kontroll inkwistjoni hija responsabbli."

(14) L-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Fil-każ ta' applikazzjonijiet għal għajnuna taħt skemi ta' appoġġ marbuta maż-żona, minbarra għal-lamtu tal-patata, iż-żerriegħa u t-tabakk kif hemm provvediment għalihom fil-Kapitoli 6, 9 u 10c rispettivament tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, jekk iż-żona tal-grupp tal-wiċċ tar-raba determinata tinsab li hija akbar minn dik iddikjarata fl-applikazzjoni għall-għajnuna, iż-żona ddikjarata għandha tintuża għall-kalkolu ta' l-għajnuna."

(b) il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet bi qbil ma' l-Artikoli 51 u 53, fil-każ ta' applikazzjonijiet għal għajnuna taħt l-iskemi ta' għajnuna marbuta maż-żona, minbarra għal-lamtu tal-patata, iż-żerriegħa u t-tabakk kif jemm provvediment għalihom fil-Kapitoli 6, 9 u 10c rispettivament tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, jekk iż-żona ddikjarata fl-applikazzjoni waħdanija taqbeż iż-żona determinata għal dak il-grupp tal-wiċċ tar-raba, l-għajnuna għandha tkun ikkalkulata fuq il-bażi taż-żona determinata għal dak il-grupp tal-wiċċ tar-raba'."

(15) L-Artikolu 51 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Jekk, minħabba grupp ta' wiċċ tar-raba, iż-żona ddikjarata għall-għanijiet ta' kwalunkwe skemi ta' appoġġ marbuta maż-żona, minbarra għal-lamtu tal-patata, iż-żerriegħa u t-tabakk kif hemm provvediment għalihom fil-Kapitoli 6, 9 u 10c rispettivament tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, taqbeż iż-żona determinata skond l-Artikolu 50(3), (4) u (5) ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għandha tkun ikkalkulata fuq il-bażi taż-żona determinata mnaqqsa bid-differenza li nstabet għal darbtejn jekk dik id-differenza hija iżjed minn jew 3 % jew żewġ ettari, imma mhux iżjed minn 20 % taż-żona determinata."

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Jekk, minħabba ż-żona sħiħa determinata koperta mill-applikazzjoni waħdanija, minbarra għal-lamtu tal-patata, iż-żerriegħa u t-tabakk kif hemm provvediment għalihom fil-Kapitoli 6, 9 u 10c rispettivament tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, iż-żona dikjarata taqbeż iż-żona determinata skond l-Artikolu 50(3), (4) u (5) ta' dan ir-Regolament b'aktar minn 30 %, l-għajnuna li għaliha l-bidwi seta' jkun intitolat relatata ma' l-Artikolu 50(3), (4) u (5) ta' dan ir-Regolament għandha tkun irrifjutata għas-sena inkwistjoni taħt dawk l-iskemi ta' appoġġ."

(16) L-Artikolu 52 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 52

Tnaqqis f'każijiet ta' irregolaritajiet li jikkonċernaw id-daqs taż-żoni ddikjarati għall-pagament ta' għajnuna għal-lamtu tal-patata, iż-żerriegħa u t-tabakk"

(b) il-paragrafi 1 u 2 huma mibdula b'dan li ġej:

"1. Jekk jinstab li ż-żona attwalment ikkultivata bil-patata jew it-tabakk hija iżjed minn 10 % inqas miż-żona ddikjarata għall-pagament għall-għajnuna fuq il-lamtu tal-patata jew it-tabakk kif hemm provvediment għaliha fil-Kapitoli 6 u 10c rispettivament tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-għajnuna li trid titħallas għandha titnaqqas għal darbtejn tad-differenza misjuba.

2. Jekk jinstab li ż-żona attwalment ikkultivata biż-żerriegħa hija iżjed minn 10 % ogħla miż-żona ddikjarata għall-pagament għall-għajnuna fuq iż-żerriegħa kif hemm provvediment għaliha fil-Kapitolu 9 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-għajnuna li trid titħallas għandha tkun imnaqqsa għal darbtejn tad-differenza misjuba."

(17) L-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 54:

"Artikolu 54a

Tnaqqis u esklużjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet għal għajnuna fuq it-tabakk

Mingħajr preġudizzju għal tnaqqis u esklużjonijiet li jridu jiġu applikati bi qbil ma' l-Artikolu 51 jew 53, fejn jinstab li t-tabakk ma reġax ġie mħawwel fuq il-pakkett indikat fil-kuntratt tal-kultivazzjoni sa l-20 ta' Ġunju tas-sena tal-ħsad:

(a) 50 % ta' l-għajnuna għall-ħsad kurrenti għandha tkun irrifjutata, jekk it-tħawwil mill-ġdid isir mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju;

(b) id-dritt għall-għajnuna fuq il-ħsad kurrenti għandu jkun irrifjutat, jekk it-tħawwil mill-ġdid isir wara t-30 ta' Ġunju.

Madankollu, it-tnaqqis jew l-esklużjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel sottoparagrafu ma japplikawx f'każijiet fejn, bi qbil ma' l-Artikolu 171cd(4) tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004, il-bidwi jista' jagħti ġustifikazzjoni għad-dewmien għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti.

Fejn jinstab li l-pakkett li fih jitkabbar it-tabakk huwa differenti mill-pakkett indikat fil-kuntratt tal-kultivazzjoni, l-għajnuna li trid titħallas lill-bidwi kkonċernat għall-ħsad kurrenti għandha titnaqqas b'5 %.

Artikolu 54b

Tnaqqis u esklużjonijiet li jikkonċernaw il-pagament speċifiku tal-wiċċ tar-raba' għall-qoton

Mingħajr preġudizzju għal tnaqqis u esklużjonijiet li jridu japplikaw bi qbil ma' l-Artikolu 51 jew 53, fejn jinstab li l-bidwi ma jirrispettax l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 171af(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004, il-bidwi jista' jitlef id-dritt għaż-żieda fl-għajnuna li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 110f(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Barra dan, l-għajnuna fuq il-qoton għal kull ettaru eliġibbli skond l-Artikolu 110c għandha titnaqqas bl-ammont taż-żieda li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 110f(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għal dak il-bidwi."

(18) L-Artikolu 63 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 63

Konklużjonijiet marbuta mal-pagament addizzjonali

Fir-rigward tal-pagament addizzjonali li jrid jingħata għal tipi speċifiċi ta' biedja jew għall-produzzjoni ta' kwalità kif hemm provvediment għalih fl-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-pagament addizzjonali msemmi fl-Artikoli 119 u 133 ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jagħmlu provvediment għal tnaqqis u esklużjonijiet li għandhom, f'linja ġenerali, ikunu ekwivalenti għal dawk li hemm provvediment għalihom f'dan it-Titolu."

(19) Fl-Artikolu 64, it-tieni sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Fejn, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004, il-persuna kkonċernata ma tiħux il-produzzjoni sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni, il-kwantità ta' referenza individwali determinata għandha tkun meqjusa bħala żero. F'dak il-każ, l-applikazzjoni għall-għajnuna tal-persuna kkonċernata għas-sena inkwistjoni għandha tkun irrifjuta. Ammont ugwali għall-ammont kopert mill-applikazzjoni rrifjutata għandu jikkumpensa kontra pagamenti ta' għajnuna li jaqgħu taħt skemi ta' appoġġ imwaqqfa fit-Titoli III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li għalihom il-persuna huwa intitolat fil-kuntest ta' applikazzjonijiet li huwa jdaħħal matul is-sena li tiġi wara s-sena tal-konklużjonijiet."

(20) Fl-Artikolu 76, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) u (c) huma mibdula b'dan li ġej:

"(b) in-numru ta' applikazzjonijiet kif ukoll iż-żona totali, in-numru totali ta' annimali u t-total tal-kwantitajiet, imqassma skond l-iskema individwali ta' l-għajnuna;

(c) in-numru ta' applikazzjonijiet kif ukoll iż-żona totali, in-numru totali ta' annimali u t-total tal-kwantitajiet, kopert mill-kontrolli;"

(b) it-tieni sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Fl-istess ħin bħal dak tal-komunikazzjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu fir-rigward ta' primjums ta' annimali huma mibgħuta lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw in-numru totali tal-benefiċjarji li rċevew l-għajnuna taħt skemi ta' appoġġ li jaqgħtu taħt l-ambitu tas-sistema integrata u r-riżultati tal-kontrolli marbuta mal-konformità reċiproka bi qbil mal-Kapitolu III tat-Titolu III."

Artikolu 2

Fir-Regolament (KE) Nru 1973/2004, l-Artikolu 171ae huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 171ae

Awtorizzazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet interprofessjonali

1. Kull sena qabel il-31 ta' Diċembru, l-Istati Membri jawtorizzaw għas-sena ta' wara kull organizzazzjoni interprofessjonali tal-produzzjoni tal-qoton li tagħmel it-talba biex tħawwel il-qoton u li:

a) tkopri superfiċje totali superjuri għal limitu ta' mill-inqas 10 000 ha kif stabbilita mill-Istat Membru u li tissodisfa l-kriterji ta' l-awtorizzazzjoni stipulati fl-Artikolu 171a, u li tinkludi mill-inqas intrapriża waħda għat-tfesdiq;

b) tmexxi azzjonijiet identifikati sewwa li jimmiraw partikolarment:

— għat-titjib tal-valur kummerċjali tal-qoton prodott mhux imfesdaq,

— għat-titjib tal-kwalità tal-qoton mhux imfesdaq li jissodisfa l-bżonnijiet ta' min ifesdqu,

— bl-użu ta' metodi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent;

c) adottat regoli interni ta' operat, li jikkonċernaw partikolarment:

— il-kundizzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet ta' sħubija, b'konformità mar-regolamenti nazzjonali u Komunitarji;

— jekk ikun il-każ, skala ta' divrenzjar ta' l-għajnuna għal kull kategorija ta' pakketti, determinata partikolarment skond il-kwalità tal-qoton mhux imfesdaq li jrid jiġi fornut.

Madankollu għas-sena 2006 l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lill-organizzazzjonijiet interprofessjonali tal-produzzjoni tal-qoton qabel it-28 ta' Frar 2006

2. Fejn jinstab li organizzazzjoni interprofessjonali approvata ma tirrispettax il-kriterji għall-approvazzjoni li hemm provvediment għalihom fil-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jirtira l-approvazzjoni sakemm in-nuqqas ta' rispett tal-kriterji kkonċernati huwa rranġat f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn huwa ppjanat li l-approvazzjoni trid tiġi rtirata, l-Istat Membru għandu jinnotifika dik l-intenzjoni lill-organizzazzjoni interprofessjonali, flimkien mar-raġunijiet għall-irtirar. L-Istat Membru għandu jagħti permess lill-organizzazzjoni tal-produzzjoni biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien perjodu speċifikat. Fil-każ ta' rtirar, l-Istati Membri għandhom jagħmlu provvediment għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet xierqa.

Il-bdiewa li huma membri ta' organizzazzjoni interprofessjonali approvata li l-approvazzjoni tagħha hija rtirata skond l-ewwel sottoparagrafu jitilfu d-dritt tagħhom għaż-żieda ta' l-għajnuna li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 110f (2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jsegwi dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ser japplika għall-applikazzjonijiet għal għajnuna għas-snin jew perjodi ta' primjums li jibdew mill-1 ta' Jannar 2006

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni